QTM:KRM:02:2019:VGA

Offiza fuq ufficjal pubbliku – Griehi ta' natura hafifa – Ksir ta' bwon ordni – Ksur ta' ordnijiet legittimi tal-awtoritajiet – Kap 9 Art. 95, Art. 221(1), Art. 338(dd), Art. 338(ee)

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

MAGISTRAT
**Dr. Victor George Axiak LL.D. Dip. Tax**

Seduta tal-11 ta' Settembru, 2019
Numru: 02/2019 VGA

**Il-Pulizija**
(Spettur Trevor Micallef)

***vs***

**Youssef Cherkaoui**

**Il-Qorti,**

1. Rat li Youssef Cherkaoui, iben Nour Ddeni u Faziha nee' Elewi, imwieled nhar il-31 ta' Lulju 1996, gewwa l-Marokk, bla indirizz u detentur tan-numru tar-Refcom 25384/19 (numru tal-Pulizija 19B-088) tressaq taht arrest quddiemha diversement presjeduta fis-seduta tad-29 ta' Gunju 2019 u gie akkuzat bis-segwenti akkuzi:

*"Talli f' dawn il-Gzejjer, nhar it- 28 ta' Gunju 2019 ghal habta tat-tlieta u nofs ta' wara nofs in-nhar (03:30p.m) Hal Far HTC, Birzebbugia u fl-Ghassa tal-Pulizija ta' Birzebbugia, u/jew fil-vicinanzi*

i. *Ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qieghed jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu*

*kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz. (Art 95 Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta);*

ii. *Ikkommetta griehi ta' natura hafifa fuq Joseph Dingli (Art. 221 (1) Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta);*

iii. *Volontarjament kisser il- bon- ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'ghajjat u glied. (Art 338 (dd) Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta);*

iv. *Ma obdiex l-ordnijiet legittimi ta' 1-awtorita jew ta' min ikun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma hallihomx jew fixkilhom waqt li kienu qed ghamlu d-dmirijiet taghhom. (Art. 338 (ee) Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta)."*

2. Rat li l-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta;

3. Semghet ix-xhiedha mressqa mill-prosekuzzjoni fis-seduta tas-17 ta' Lulju 2019 inkluz l-affidavits ta' PS 816, WPC 160, PC 881 u PC 293 ipprezentati mill-Ispettur Trevor Micallef (immarkati Dok TM1 sa Dok TM4);

4. Rat li fis-seduta tal-lum 11 ta' Settembru 2019, l-imputat ammetta l-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu;

5. Rat li wara li l-Qorti fissret lill-imputat il-konsegwenzi ta' tali ammissjoni u tatu zmien biex jirrikunsidra il-pozzizjoni tieghu, l-imputat kkonferma l-ammissjoni tieghu u talab apologija ghal dak li ghamel;

6. Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena;

**Kunsiderazzjoni**

7. Ikkunsidrat illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontrih u ghalhekk dawn huma sodisfacjentement ippruvati;

8. Ikkunsidrat illi sal-lum il-gurnata l-imputat ilu mizmum taht arrest preventiv ghal kwazi xahrejn u nofs;

9. Ikkunsidrat illi r-reati ammessi mill-imputat huma ta' natura serja specjalment ghaliex gew kommessi kontra persuni fl-awtorita' li gew inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku. Il-fatt illi l-imputat ghazel li jammetti fit-tielet seduta wara li l-Prosekuzzjoni kienet kwazi diga ghalqet il-provi kollha taghha ukoll sejjer jittiehed in konsiderazzjoni minn din il-Qorti fil-kunsiderazzjonijiet taghha dwar il-piena;

10. Ikkunsidrat illi kwantu ghall-ewwel akkuza, l-**Art. 95 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta** jiddisponi kif gej:

*"95. Kull min, f'kull każ ieħor mhux imsemmi fl-aħħar żewġ artikoli qabel dan, jinġurja, jew ihedded, jew jagħmel offiża fuq il-persuna ta' wieħed inkarigat skont il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li jkun jagħmel jew minħabba li jkun għamel dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżgħu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena stabbilita għall-inġurja, għat-theddid jew għall-offiża, meta jsiru mingħajr iċ-ċirkostanzi msemmijin f 'dan l-artikolu, miżjuda b'żewġ gradi u għal multa ta' mhux inqas minn tmien mitt euro (800) u mhux iżjed minn ħamest elef euro (5,000)."*

11. Ikkunsidrat illi kwantu ghat-tieni akkuza, l-**Art. 221(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta** jiddisponi kif gej:

*"221. (1) L-offiża fuq il-persuna li ma ġġib ebda waħda mill-konsegwenzi msemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu, titqies li hija ħafifa, u għaliha tingħata l-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sentejn jew il-multa."*

12. Ikkunsidrat illi kwantu ghat-tielet akkuza, l-**Art. 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta** jiddisponi kif gej:

*"338. Huwa ħati ta' kontravvenzjoni kontra l-ordni pubbliku,kull min –*

*(dd) b'xi mod ieħor mhux imsemmi band'oħra f'dan il- Kodiċi, jikser volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku"*

13. Ikkunsidrat illi kwantu ghar-raba' akkuza, l-**Art. 338(ee) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta** jiddisponi kif gej:

*"338. Huwa ħati ta' kontravvenzjoni kontra l-ordni pubbliku,kull min –*

*(ee) ma jobdix l-ordnijiet leġittimi tal-awtorità jew ta' wieħed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma jħallihx jew ifixklu waqt li jkun jagħmel id-dmirijiet tiegħu, jew b'xi mod ieħor, bla jedd, jindaħal fi dmiru, billi ma jħallix lil ħaddieħor jagħmel dak li b'liġi jkun ordnat jew jista' jagħmel, jew billi jġib fix-xejn jew iħassar dak li ħaddieħor ikun għamel skont il-liġi, jew b'xi mod ieħor li jkun, kemm-il darba din id-disubbidjenza jew dan l-indħil ma jkunux jaqgħu taħt dispożizzjonijiet oħra ta' dan il-Kodiċi jew ta' liġi oħra;"*

14. Ikkunsidrat illi l-Qorti ma' thossx illi f'dawn ic-cirkostanzi l-imposizzjoni ta' multa tkun piena jew deterrent idoneju tenut kont illi l-imputat huwa persuna li jinsab mizmum taht detenzjoni bhala immigrant li wasal Malta b'mod illegali.

Lanqas ma’ thossx illi piena karcerarja effettiva sservi sabiex b’xi mod tipprotegi lis-socjeta’. Minflok, il-Qorti tqis illi sentenza karcerarja sospiza li tqarreb lejn il-massimu kemm fil-kwantum taghha u kif ukoll fit-tul operattiv taghha jkunu deterrenti izjed milli adegwati sabiex l-imputat jkollu x-xabla ta' Demokle imdendla fuq rasu u jkollu incentiv illi ma’ jikkommetix reat iehor fis-snin li gejjin;

**Decide**

15. **Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti wara li rat l-artikoli rilevanti tal-ligi (Art 95, Art 221(1), Art 338(dd) u Art 338(ee) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta) issib lill-imputat hati fuq ammissjoni tieghu stess tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.**

**Rigward piena, fir-rigward tal-ewwel akkuza il-qorti qed tapplika l-Artiklu 21 tal-Kap 9 b’dan li m’hijiex qed timponi multa u lanqas m’hija qed tapplika z-zieda ta’ zewg gradi fil-piena izda minflok qed tikkundanna lill-imputat ghal-piena karcerarja ta’ sentejn li bl-applikazzjoni tal-Artiklu 28A qed tigi sospiza ghall-perjodu ta’ 4 snin. Fir rigward tat-tieni akkuza din hija assorbita fl-ewwel wahda ai termini tal-Art 17(h) tal-Kap. 9. Fir rigward tat-tielet u r-raba akkuzi il-piena hija assorbita f’dik moghtija ghall-ewwel akkuza ai termini tal-Art. 17(d) tal-Kap. 9.**

**Il-Qorti fissret b’mod solenni u fi kliem semplici lill-imputat il-konsegwenzi jekk jerga jwettaq reat iehor fil-perjodu operativ tas-sentenza sospiza.**

**Dr. Victor George Axiak**
**Magistrat**

**Mario Azzopardi**
**Deputat Registratur**